DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar l-egħluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għar-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2004

(2006/827/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għar-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2004 [1],,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għar-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 — C6-0093/2006),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997 dwar il-ħolqien ta' Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għar-Razziżmu u l-Ksenofobija [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [5], u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regola 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0096/2006),

1. Jinnota l-figuri li ġejjin għall-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għar-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-snin finanzjarji 2004 u 2003:

Kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-snin finanzjarji 2004 u 2003

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Dħul		
Sussidji Komunitarji	5 675	7 318
Dħul ieħor	421	374
Dħul varju	35	
Dħul finanzjarju	21	1
Dħul PHARE	82	676
Dħul totali (a)	**6 234**	**8 369**

[1] ĠU C 269, 28.10.2005, p. 48
[2] ĠU C 332, 28.12.2005, p. 97.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[4] ĠU L 151, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1652/2003 (OJ L 245, 29.9.2003, p. 33.).
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).

(ĠEUR 1 000)

	2004	2003
Nefqa		
Persunal — Titolu I tal-baġit		
Ħlasijiet	2 645	2 618
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss	85	64
Amministrazzjoni – Titolu II tal-baġit		
Ħlasijiet	447	412
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss	37	51
Attivitajiet ta' l-operat – Titolu III tal-baġit		
Ħlasijiet	2 352	1 678
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss	745	1 162
Riċevuti maħruġa (Phare u oħrajn)		
Ħlasijiet	7	377
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss	0	694
Nefqa totali (b)	**6 318**	**7 055**
Kwantità maħduma għas-sena finanzjarja (a – b)	**- 84**	**1 334**
Bilanċ miġjub 'il quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel	98	-1 579
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss u kanċellati	241	301
Approprjazzjonijiet għall-użu mill-ġdid mis-sena finanzjarja ta' qabel li ma kinux użati	0	38
Ammonti ta' djun maħfurin	- 23	0
Differenzi tar-rata tal-kambju	- 1	5
Rimborsi lill-Kummissjoni		0
Bilanċ għas-sena finanzjarja	**231**	**98**

NB: It-totali jistgħu jinkludu differenzi minħabba t-tqarrib lejn l-eqreb figura.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għar-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2004;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għar-Razziżmu u l-Ksenofobija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u sabiex tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Josep BORRELL FONTELLES

Is-Segretarju Ġenerali
Julian PRIESTLEY